III

(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2009/854/PESK

tal-20 ta' Novembru 2009

li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) ([1]).

(2) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/862/PESK ([2]) li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK sal-24 ta' Novembru 2009.

(3) L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK għandha tkun estiża ulterjorment sal-24 ta' Mejju 2010,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 13(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni għall-perijodu mill-25 ta' Novembru 2009 sal-24 ta' Mejju 2010 għandu jkun ta' EUR 1 120 000";

(2) it-tieni paragrafu tal-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hi għandha tagħlaq fl-24 ta' Mejju 2010.";

(3) L-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 17

Reviżjoni

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi riveduta sal-15 ta' April 2010.".

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ERLANDSSON

([1]) ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.
([2]) ĠU L 306, 15.11.2008, p. 98.